MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 414/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Fava**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Fava talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fil-11 ta' Novembru 2006 fil-hanut Lines – 29, Triq Ball, Paceville – naqas li jzomm kopji ta' l-ircevuti mahruga skond it-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Novembru 2007 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 76(b) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-partita 1(g) tal-Hdax-il Skeda ta’ l-istess Kap. 406, sabet lill-imsemmi Anthony Fava hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ tlett mija u hamsin liri Maltin (Lm350);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Anthony Fava pprezentat fis-26 ta’ Novembru 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena u fin-nuqqas taghti piena aktar xierqa u adegwata fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) Il-prosekuzzjoni ma rnexxilxhiex tipprova l-*mens rea* ta’ l-appellant. Huwa ma kienx jaf li nqala’ *technical fault* fil-*cash register* u ghalhekk ma kellu l-ebda intenzjoni li jikser xi ligi. Intebah li ma kinitx qed tiffunzjona sew waqt l-ispezzjoni. Ma jirrizultax illi kienet ilha ma tahdem sew ghal zmien twil. (2) Wiehed mill-elementi tar-reat in kwistjoni huwa n-nuqqas ta’ stampar ta’ l-ircevuti permezz tal-*journal*. F’dan il-kaz jikkonkorru l-elementi ta’ zball ta’ fatt. L-appellant ma seta’ jaghmel xejn dak il-hin sabiex isewwi l-*cash register*. Ghalhekk l-izball kien wiehed inevitabbli fil-mument li gew jaghmlu l-ispezzjoni l-haddiema tal-VAT. Malli gibdulu l-attenzjoni fil-gurnata tas-Sibt, it-Tnejn mar jirranga l-magna. (3) Minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, il-partita 13 tat-Tlettax-il Skeda titlob lil persuna registrata li tkun f’pussess ta’ *cash register* li tkun sufficjenti li tistampa rcevuti kif rikjesti mil-ligi. In-nuqqas f’dan il-kaz li kien dovut ghal *technical fault* m’ghandux jigi interpretat li dik il-*cash register* mhijiex mghammra b’dawk il-funzjonijiet mehtiega biex tistampa l-ircevuti kif titlob il-ligi. Difatti meta l-ispetturi tal-VAT marru

fil-fond ta’ l-appellant huma setghu jaraw li kien qieghed jaghti rcevuti lill-parruccani tieghu u meta talbuh iz-Z reading l-istess magna pprintjatha

Ix-xiehda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti tista’ tigi riassunta kif gej:

**Paul Scicluna** xehed li huwa kien il-prosekutur quddiem l-ewwel Qorti.

**Jonathan Fenech** xehed li huwa spettur mad-dipartiment tal-VAT. Fil-11 ta’ Novembru 2006 hu flimkien ma’ kollega tieghu dahlu jaghmlu spezzjoni ta’ rutina ghall-habta tal-10.45 p.m. fl-istabbiliment Lines Pub f’Ball Street, Paceville. Raw klijenti qed jisservew u jinghataw ircevuta fiskali b’mod normali. Imbaghad iccekkjaw ir-romblu tal-*journal* u raw li ma kien qieghed jipprintja xejn fuqu b’konsegwenza li ma setghux jistabilixxu f’liema data waqaf jipprintja. Skond ix-xhud, l-appellant qalilhom *“li kien ilu xi erbat ijiem bejn wiehed u iehor”*. L-ahhar romblu li qara ma kienx fuq il-post u l-anqas ma pprezentahulhom f’xi data iktar tard. Ix-xhud qal li l-erbat ijiem kienu ghal meta waqaf jipprintja r-romblu ta’ gewwa. In kontro-ezami qal li huma talbu lill-appellant l-X reading u dan ipprintjahulhom. Dwar l-erbat ijiem li semma, b’referenza ghar-rapport tieghu qal li fir-rapport hemm miktub li *“owner told us that journal was changed about four days ago”*.

**L-appellant Anthony Fava** xehed illi meta gew l-ispetturi tal-VAT kien is-Sibt meta Paceville ikun *busy*. Qal li l-post huwa daqsxejn mudlam, l-ircevuti li ta lin-nies kienu tajbin u *“l-ohra ‘qas naraha fil-hgiega, f’dak id-dlam.”* Tahom ir-*reading* li talbuh (hawn semma z-Z reading). Ta’ “l-erbat ijiem” ma jafx minn fejn gabha ghax hu jiftah il-Gimgha u s-Sibt biss f’Novembru. Dik il-habta kien hemm hafna *force* tad-dawl u l-*cash register* bdiet daqqa tahdem tajjeb u daqqa tahdem hazin. L-appellant qal li l-ispettur saqsieh: *“Ma ndunajtx? Ghidtlu: F’dak id-dlam?”* Is-Sibt ta’ qabel kien qed jahdem normali. Dakinhar kien hemm *fault* fid-dawl. Hawn qal li l-ispetturi jitolbuk l-X reading. F’dan l-istadju **Paul Scicluna** gie mitlub jispjega l-procedura. Huwa qal li l-ispetturi jitolbu l-X reading li huwa *sub-total*

tal-bejgh li jkun sar sa dak il-hin. Iz-Z reading huwa t-total tal-bejgh. Il-*cash register* ikun fih zewg rombli, wiehed ghar-ricevuta u ghaz-Z readings u ghall-X readings, u iehor ghall-*journal* fejn tinzamm kopja fidila ta’ kull transazzjoni li tkun saret. Meta kompla jixhed **l-appellant** huwa qal in kontro-ezami li l-hanut Lines mikri lilu u kien ilu hemm ftit xhur. Il-*cash register* sabha hemm u suppost kienet tajba. *“Dejjem hadmet, forsi kienet waslet ghal service ejja nghidu hekk.”* Jiftah fil-*week-end* qisu bejn id-9.00 p.m. u s-1.00 jew 2.00 a.m. Jiftah u jaghlaq hu u l-bicca l-kbira jmexxih hu l-hanut. L-ircevuti li ta lin-nies kienu tajbin u dawk johorgu mill-kaxxa filwaqt li tal-*journal* tghaddi minn taht il-hgiega. Ghand min ha l-*cash register* ghamlilha *service*. Sa x’hin gew l-ispetturi hu ma kienx jaf li ma kinitx qed tahdem.

In vista ta’ l-ewwel zewg aggravji tajjeb hawn li wiehed jirreferi ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Philip Galea** deciz fit-3 ta’ Novembru 2005 fuq imputazzjoni identika:

**“dan huwa dak li bl-Ingliz jissejjah *‘a technical offence’* li ma jirrikjedix xi intenzjoni specifika jew diretta biex jigi kommess. Filwaqt li persuna registrata li ma toperax b’*cash register* ikollha ktieb ta’ l-ircevuti fiskali li fuq wahda mill-kopji hemm indikat li din eventwalment tkun trid tintbaghat lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fejn il-persuna registrata topera b’*cash register*, din il-kopja tinzamm fil-*‘journal’* li jista’ jintalab mid-Dipartiment kif sar f’dan il-kaz. Ovvjament kien id-dover tal-appellant li jara li l-*cash register* tieghu qed jiffunzjona kif suppost, u, jekk hemm bzonn, anki jiftah il-*cash register* ukoll minn zmien ghal zmien, biex jara li dan kien qed jahdem sew.”**

Fil-kaz in ezami l-appellant jghid li l-*cash register* “thawdet” minhabba *fault* fid-dawl. Aktar tard donnu jikkontradixxi lilu nnifsu meta jghid li “forsi kienet waslet ghal service”. Li jghid li ma setax jara l-kopja tal-*journal* minhabba dawl baxx fl-istabbiliment ma hi l-ebda skuzanti ghax allura jfisser li peress illi jiftah biss bil-lejl u dejjem

bid-dawl baxx allura ma jkollu qatt il-possibilita` li jezamina l-*cash register*. Il-provi juru li l-*cash register* kien ilu ftit jintuza minghajr ma jigi registrat xejn. Difatti mir-rapport ta' l-ispetturi tal-VAT jirrizulta li <u>aktar minn nofs ir-romblu kien uzat</u>. U ma jirrizultax li l-appellant ghamel xi sforz biex jipprezenta r-romblu ta' qabel sabiex jigi verifikat meta l-ahhar irregistra. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ukoll juri certa non-kuranza da parti ta' l-appellant. Fil-fatt kull ma kien hemm bzonn kien vigilanza ordinarja da parti tieghu biex jara li l-*cash register* kien qed jahdem sew f'kull aspett. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda inevitabilita` fin-nuqqas tal-*cash register* li jipprintja l-*journal*, *multo magis* jekk kull ma kellu bzonn il-*cash register* kien *service*.

Ghaldaqstant l-ewwel zewg aggravji huma michuda.

Kwantu ghat-tielet aggravju, irid jinghad li l-appellant ma giex akkuzat li l-*cash register* mhuwiex mghammar bil-funzjonijiet mehtiega biex jigu stampati l-ircevuti kif titlob il-ligi. Huwa akkuzat li ma zammx kopji ta' l-ircevuti. Issa jekk il-*cash register* in kwistjoni kellu xi difett, allura ma kienx sufficjenti biex iwettaq dik il-funzjoni partikolari. Skond il-partita 1(g) tal-Hdax-il Skeda, kull persuna registrata ghandha zzomm id-dokumentazzjoni u d-dokumenti hemm indikati, senjatament **"il-kopji kollha tar-ricevuti fiskali mahruga minnha skond it-Tlettax-il Skeda"**. U t-Tlettax-il Skeda fil-paragrafu 13 issemmi specifikatament li l-funzjonijiet tal-*cash register* huma *inter alia* l-istampar ta' ricevuta maqsuma f'partiti ghall-provvisti maghmula f'kull transazzjoni u r-registrazzjoni ta' kull transazzjoni odjerna fuq gurnal stampat. Dan il-gurnal stampat huwa l-uniku mezz kif id-Dipartiment jista' jirrintraccja kull transazzjoni individwali li tkun saret *on a sale by sale basis* u din l-informazzjoni ma tistax tinkiseb mill-X reading. B'hekk anke t-tielet aggravju huwa michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------